**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru wieħed u għoxrin (21) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' April, 2014, fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-SE informa lill-kunsillieri illi bħal-llum għoxrin sena ilu twaqqaf l-ewwel Kunsill u propju din il-laqgħa se tkun l-ewwel waħda *live streamed* fuq www.mqabba.gov.mt.

2. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Is-SE qara l-minuti numru għoxrin. Dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri, kienu emendati u tressqu għall-approvazzjoni. Paul Spiteri issekonda u dawn għaddew unanimament u ġew iffirmati u inizjalati fejn kull tibdil li sar kif muri fuq il-kopja oriġinali bil-linka.

**Punti mill-Minuti:**

4. Dwar iċ-Ċentru tal-Komunita', Paul Spiteri pppropona li qabel nipproċedu bl-applikazzjoni tal-MEPA fejn għad iridu jsiru l-BOQ's, huwa ferm suġġeribbli illi niltaqgħu mal-Perit William Lewis bħala Kunsill u possibilment niġu mgħarrfa kemm jiġi jiswiena flus, kemm-il darba d-diżinn ikun wieħed 3D.

5. Dwar il-fuljett, is-Sindku qal li dan sarlu l-*proof reading* u reġa' ntbagħat għand l-istampatur. Intant, billi kellna ninkludu formula biex timtela' minn dawk li jixtiequ jipparteċipaw fl-*Mqabba Youth Challenge 2014* li se tkun organizzata mill-KLM u l-*Imqabba FC Youth Nursery*, se jsir *flyer* li se tiddaħħal f'kull waħda mill-kopji tal-fuljett. Is-SE irrimarka illi ma kienx hemm spazju għall-*Profit and Loss Account* li kien ippropona s-Sindku fl-aħħar laqgħa sabiex jiddaħħal f'din il-ħarġa, u għaldaqstant jinħtieġ li fil-ħarġa tal-fuljett li jkun imiss, jiddaħħlu l-*Audited Financial Statements 2013*.

6. Intant is-Sindku iddiskuta it-€30,000 għal *major patching*, li dak iż-żmien ma konniex infurmajna lill-Asfaltar Ltd li l-kunsill tal-leġislatura preċedenti, ma kienux approvaw il-kont peress li ħadd ma kien jaf bihom. Nicholas Briffa qal li matul is-sena li għaddiet infurmajna b'kollox lil dan il-kuntrattur wara li kien ikkonferma x-xogħol il-Perit Bezzina fi żmien il-leġislatura l-oħra.

7. Dwar it-trinka tal-Pjazza biex inqala l-*wire* minn mal-faċċata tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju, is-Sindku qal li x-xogħol kien sar ħames snin ilu, mentri l-kont tat-trinka għandu d-data t'issa. Charlene Zammit qalet li dan għalhekk preskritt iżda qalet ukoll li qabel nerġgħu niddiskutu dan il-punt, għandu jkollna d-dokumenti kollha quddiemna, filwaqt li s-SE qal li l-Awdituri fil-jiem li għaddew iddeċidew illi jdaħħlu l-kont iżda b'mod ridott għaliex ħadd m'hu qed jemmen li fuq it-trinka intefa' konkos C20 (tas-soqfa) meta fuq kollox il-Perit Toni Bezzina kien ħalla l-ispejjeż tagħhhom (€4,000) barra minn dan il-kont.

8. Issemmew ukoll il-fondi tal-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA u kif is-Sindku tella' din fuq l-agenda tal-laqgħa tas-Sindki, miżmuma mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan għaliex it-

teħid ta' 30% tal-fondi mill-MEPA stess, imur kontra kull etika li dawn il-fondi jitħallew biex ikunu maniġġjati mill-Kunsilli Lokali.

9. Charlene Zammit tkellmet dwar il-Kunsill taż-Żgħażagħ u qalet li dawn kellhom laqgħa il-ġimgħa li għaddiet fejn inħatar *public relations officer,* li hija Marija Zammit, filwaqt li l-qasam tal-finanzi ġiet fdata lill-Mark Baldacchino. Anna Maria Farrugia inħatret segretarja tal-istess Kunsill. Is-Sindku tal-Kunsill taż-żgħażagħ w il-Viċi Sindku, se jkunu deċiżi fil-laqgħa li jmiss tad-9.4.2014. Charlene Zammit qalet li dawn jixtiequ li jkollhom *facebook page* tagħhom, minkejja li qalet illi bħala kunsill ma konniex qbilna dwar dan. Intant, jekk dawn mhux se jingħataw dan il-permess, għaldaqstant qed jitolbu sabiex tal-inqas ikollhom ftit spazju fil-fuljett jew joħorġu ieħor addizzjonali. Is-Sindku qal li l-Kunsill taż-Żgħażagħ jagħmel parti mill-KLM u għaldaqstant jekk se nħalluhom jagħmlu din il-paġna, għandu jkollhom limitu sa fejn jaslu. Charlene Zammit qalet illi dawn għandhom f'moħħhom li joħorġu biss *light ideas* , u jixtiequ jagħmlu *questionnaire* biex jużawh għall-proġett tagħhom. Is-Sindku qal li għal bidu jrid ikollna daqsxejn *say* aħna u mbagħad *nirrileasjaw* ir-responsabbilita' fuqhom. Is-SE talab l-isem tal-persuna li se tkun qed tieħu ħsieb il-*facebook page* għaliex diġa' kien hemm mistoqsija mid-dipartiment f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku qalet li din il-paġna ser tieħu ħsiebha l-PRO tal-Kunsill taż-żgħażagħ, Maria Zammit.

10. Is-Sindku talab lis-SE sabiex joħroġ iċ-ċertifikati fi tmiem il-kors tal-*cake decorations* u tal-ewwel għajnuna li issa ntemm. Dawn kienu inżammu fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, u l-Isptar il-Qadim rispettivament, b'suċċess.

11. Grace Marie Mallia qalet illi l-KLM se jagħmel tentattiv li l-mawriet tiegħu f'Għawdex se jkunu nhar l-14 u t-28 ta' Mejju, filwaqt li fiż-żjara se tipprova tinkludi viżita lid-Dar ta' Karmni Grima. Għaldaqstant hija se tkun qed tagħmel kuntatt ma' sid ir-Restaurant Seashells u mad-Dar ta' Karmni Grima sabiex tara jekk id-dati humiex vakanti.

12. Is-SE laqa' l-istedina li bagħat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal-laqgħa li nżammet fil-Kunsill Lokali tal-Mosta minkejja li dak in-nhar kellu jħalli lill-Awdituri waħidhom f'dan l-uffiċċju biex ningħataw aktar informazzjoni dwar l-*Activity+ Accessibility Award/Scheme.* Il-laqgħa saret wara li aħna konna diġa bagħatna l-applikazzjoni tagħna u kellna konferma li irċevewha. Is-SE qal li ħafna mill-Kunsilli minkejja li ma' żvelawx il-karti tagħhom se japplikaw għal *WI FI's* f'postijiet pubbliċi, *lifts* fil-Muniċipju tagħhom, u rampi bħal per eżempju quddiem il-latrina pubblika, każini, clubs, *shoping arcades* uffiċċju postali, uffiċċju tas-sigurta' soċjali ecc. Intant is-Sindku qal li għall-persuni b'dizabilita' rampi fuq il-bankini huma mportanti daqs il-kampanja ta' tneħħija ta' ostakoli minn fuqhom.

13. Issemma' l-ġibjun li għad irid jinbena. Charlene Zammit irreferiet għalih bħala essenzjali għax anke skont il-MEPA fil-Pjan għan-Nofsinhar ta' Malta, tal-2006 jissemma'. Is-Sindku kkonferma li l-Perit William Lewis għadu ma applikax mal-MEPA (possibilment) għaliex l-ebda Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, jew inkella xi Dipartiment tal-Gvern ma ħa l-inkarigu li joħroġ il-finanzjament tiegħu). Intant is-SE qal li wara li saru diversi żbalji fil-ħruġ tal-permessi mill-awtoritajiet fejn inbnew djar bil-*basements* li issa qed jimtlew bl-ilma, hu fl-interess tal-MEPA li tikkoreġġi dan l-iżball billi ġġiegħel lill-awtoritajiet jallokaw il-fondi biex jibnu l-istess ġibjun fl-għelieqi tal-bdiewa.

14. Intant il-KLM talab laqgħa mad-Direttorat tal-Immaniġġjar tat-traffriku fi ħdan *Transport Malta,* il-Perit Audrey Testaferrata de Noto, biex niddiskutu *traffic management* fosthom fit-toroq arterjali bħalma hija Triq il-Konvoj ta' Sta Marija fejn din is-sena kellna mewt, u diversi mistoqsijiet minn għand kumpaniji tal-assikurazzjoni tal-karozzi b'kemm hi l-veloċita' massima, kif ukoll it-tabelli u l-marki ġodda li għadhom ma sarux mar-*roundabout* tal-Mentna. Għal mistoqsija ta' kunsillier dwar ir-*rumble sticks* proposti fi Triq tas-Sejba, is-Sindku qal li dawn jiswew €1,000.

15. Minn sorsi mhux uffiċjali, f'dawn l-aħħar ġimgħat intqal illi l-Gvern Ċentrali se jkun qed jgħin biex isir *outdoor gym* f'kull lokalita', biex jikkumbatti l-mard fosthom tal-obeżita' għaliex dawn irendu fit-tul, billi jnaqqsu l-pressjoni fuq l-awtoritajiet tas-saħħa f'dik li hija kura medika fl-isptarijiet li huma mingħajr ħlas.

16. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba laqa' it-tibdil tad-dekasteru tal-Kunsilli Lokali fi ħdan il-kabinet tal-Gvern. Infatti issa bħala Segretarju Parlamentari m'għandiex aktar lil Onor Dr J Herrera għaliex floku inħatar l-Onor Dr Stefan Buontempo. Dan għaliex anke l-Ministeru inbidel u l-Kunsilli issa inqatgħu minn mat-Turiżmu (l-Onor Karmenu Vella) u reġgħu marru mal-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Onor Dr Owen Bonnici. Intant l-ittra li nkitbet mill-Kunsill Lokali tagħna biss u mhux iffirmata wkoll minn dak ta' Ħal Safi, dwar l-għajnuna proposta lill-familja ta' Federica Falzon, se tkun ikkupjata lil Dr Stefan Buontempo.

17. Is-Sindku reġa' semma l-għotja ta' kotba li se jagħmlu r-Reġjun mingħajr ma ntrabat bid-data fejn il-KLM irid jorganizza l-attivita' proposta minnhom biex jagħtuna l-istess donazzjoni li se ssir fil-libreriji pubbliċi tal-lokalita' mil-President tar-Reġjun.

**AGENDA**

18. Is-Sindku ikkummenta dwar l-andament tax-xogħol ta' tisbieħ f'Misraħ il-Fidwa. Hu qal li l-kuntrattur *Ell's Ltd* lesta t-trinek għad-dawl (li t-tulijiet tagħhom ġew imkejla mis-SE u mibgħuta lill-Perit u lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail*) sabiex jgħaddi l-pajpijiet u b'kollox se jkun hemm tnax-il globu għall-illuminazzjoni. Hu qal li l-kuntrattur *Nexos Street Lighting* m'għandux fil-kuntratt (li kien ħarġu l-Kumitat taż-Żejtun) il-provediment u t-tpoġġija ta' arbli dekorattivi. Għaldaqstant hu qal li dawn se jaħdmuhom u jwaħħluhom il-ħaddiema tal-*IPSL*, li wkoll se jagħmlu x-xoghol fuq ir-*railing* tal-ħadid. Il-ġnien se jkun fih erba entraturi bil-bibien jingħalqu. Paul Spiteri tella' għad-diskussjoni il-fatt li fil-ġnien mhux se jkun hemm tipjip u kien hemm diversi fehmiet dwar jekk it-tipjip għandux ikun projbit fil-ġnien kollu jew le, minn kunsillieri oħra.

19. Item ieħor tal-agenda li kien trattat hu dwar il-*basement* tal-Isptar il-Qadim, fejn is-Sindku qal li kxifna is-sotterran u s-*shelter* tal-gwerra. Michel Farrugia tana l-parir li jiġi żarmat u armat mill-ġdid it-taraġ tal-garigor minn xi ħadd tas-sengħa għaliex dan se jċedi minn mument għall-ieħor u jista' jweġġa' xi ħadd. Dan għaliex it-turġien huma zgugati u l-ħaddiema tagħna ma jixtiqux li jibqgħu għaddejjin bix-xogħol fl-għama. Il-Perit kien tal-istess opinjoni u għaldaqstant se nġibu stima biex nippruvaw inżarmaw u nwaħħlu wkoll dan it-taraġ skond is-sengħa. Is-Sindku ippropona illi nkellmu lill-*Agius Stone Works* filwaqt li kellu l-konferma tal-kunsillieri. Sadanittant il-Perit William Lewis issuġġerixxa li jitneħħa l-konkos kollu u l-ġebel li inbena minn xi ħadd klandestinament f'dan is-sit.

20. Is-Sindku qal li ġew il-*producers* tal-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira Għawdex, biex jaraw kif se jsir il-pageant, l-Imsallab fi Triqatna nhar id-9 t'April. Hu ta aktar dettalji dwar din l-attivita' filwaqt li ntqal li l-*bill board* li tpoġġa fejn il-ġibjun ta' Ħal Kirkop, tqatta' bir-riħ ġurnata waħda biss wara li kien twaqqaf mill-ħaddiema tagħhna. Is-Sindku qal li r-reklami għaddejjin kontinwament permezz tar-*radios* u possibilment anke se nippruvaw immorru fuq it-TV. F'wieħed mill-programmi li nżammu fuq ir-*radio*, is-Sindku ħa miegħu lill-protagonisti ta' żewġ attivitajiet oħra li se jkunu qed jittellgħu fir-raħal. Dawn huma rappreżentanti tal-każini tal-banda, biex jitkellmu dwar id-dramm l-*Imġarrab* u l-wirja *La Semana Santa*. Kien hemm min ippropona sabiex nippruvaw nirreklamaw fuq il-PBS permezz tal-programm *Ħadd Għalik* u wkoll fuq il-programm *Xarabank,* filwaqt li Nicholas Briffa qal li diġa' ħarġu *press conference* l-istess Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira Għawdex fejn semmew iż-żewġ avvenimenti li se jagħmlu, propju fir-Rabat Għawdex u fl-Imqabba. Issemmew diversi affarijiet loġistiċi bħal barikati, u *catering* li se jkun offrut mingħajr ħlas lill-160 persuna li se jieħdu sehem f'dan id-dramm.

21. Għall-Ħarġa għal-Għawdex is-Sindku qal li minbarra it-53 persuna li se jmorru fil-*coach*, se nżidu 18 li se jkunu akkumpanjati permezz ta' vann. Min se japplika għaż-żewġ ħarġiet, mhux se jkollu preċedenza fuq oħrajn li ma jkunux applikaw ħlief għal mawra waħda.

22. Għal ħarġa ta' Sqallija li se ssir f'Ġunju, kienu msemmija dawn id-dati il-21, 25 u t-30. Grace Marie Mallia qalet illi peress li l-festa tal-Madonna tal-Ġilju se ssir fil-15 ta' Ġunju, mhux se jkun hemm problemi bid-dati proposti, filwaqt li l-ħlas tal-Aġenzija *Joe Micallef Travel,* li ntagħżlet minn oħrajn, se jkun dan, €124 l-kbar u €52 it-tfal ta' bejn l- 4-t-13-il sena għaliex irnexxiela ġġib sponsor. Dan minbarra l-ispejjeż tat-trasport mill-Imqabba għax-xatt u lura li se jiġi offrut b'xejn mill-KLM.

23. Charlene Zammit qalet li għall-*Water Fight* li se tinżamm nhar is-26 t'April, bejn l-10.00am u s-1.00pm il-parteċipanti se jinqasmu f'żewġ kategoriji, filwaqt li hija u Paul Spiteri se jippruvaw isibu xi żewġ *sponsors* ħalli possibilment kull parteċipant jieħu xi ħaġa lura, filwaqt li se tingħata midalja lir-*runners up* u t*rophy* lir-rebbieħa. Dan peress li għat-tfal il-KLM qatt ma żamm flus u allura tkun inġusta għaż-żgħażagħ li nagħmlu differenti, meta din l-attivita' qed tippromwovi wkoll l-eżerċizzju u mhux biss sempliċiment id-divertiment. Hija qalet li talbet lill-Aaron Briffa biex jagħmel *poster* biex issir il-promozzjoni neċessarja filwaqt li se ssir laqgħa mal-*Mqabba Football Nursery* għada fis-6.00pm biex jaraw x'hemm bżonn bħala *equipment.*

24. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 479, billi kienet issekondata minn Charlene Zammit u wkoll approvata unanimament, filwaqt li *items* 10 u 11 kellhom joħorġu bilfors l-*Order to Start Works* lill-kuntrattur *Nexos Street Lighting* biex jgħaddu l-*wires* tal-*istreet lighting* il-ġdid tal-ġnien f'Misraħ il-Fidwa u jitwaħħlu l-arbli l-ġodda fl-inħawi ta' Triq it-Torri ħalli nżidu l-illuminazzjoni tat-toroq rurali kif approvati mill-Korporazzjoni Enemalta.

**Punti oħra:**

25. Paul Spiteri qal li attenda għall-attivita tal-*Youth Nursery* u kien l-uniku rappreżentant tal-uniku kunsill li kien qed jirrappreżenta lit-timijiet li ppartecipaw fil-*Youth Tournament* ta' taħt il-11-il sena li nżamm f'Jum il-Ħelsien. Hawn kienu involuti 7 *clubs* mill-*Youth FA.*

26. Paul Spiteri irrapporta ħames lampi maqtugħa fejn il-*Club tal-Futbol*, il-*yellow lines* quddiem *garage* li għandhom isiru għall-ewwel darba quddiem residenza fi Triq Dun Anglu Mallia, ilma ħiereġ fi Triq in-Nazzarenu (li kien diġa' irrappurtat minn ħaddiem tal-*ELC* dal-għodu lis-SE), u ssuġġerixxa li ma jkunx mogħti il-permess lil tal-qubbajd fil-festi li qed jarma' quddiem il-ħanut *Pineapple*, fil-Pjazza tal-Knisja.

27. Grace Marie Mallia qalet illi l-attivita' tad-dawra bit-trenn u tal-*Coffee Morning* organizzat mill-KLM f'Buġibba, kienet tajba, u n-nies ħadu gost.

28. Charlene Zammit qalet illi l-bank fi Triq Karmenu Ciantar ma jistax jitwaħħal qabel ma xi ħadd iressaq il-qasrija tal-ħaġar, u dan se jidħol feles bejn l-armar tal-festa tas-Soċjeta' Sta Marija, minkejja t-tentattiv li sar mill-ħaddiema tagħna biex iwaħħluh. Il-qasrija hija tqila u trid tiċċaqlaq bil-*fork lifter.*

29. Michel Farrugia staqsa jekk irċevejniex xi suġġeriment mis-Soċjeta' Madonna tal-Ġilju sabiex in-nar tal-art jibda' jinħaraq fil-*by-pass* flok fi Triq Karmenu Ciantar. Hawn is-SE wieġeb le u Nicholas Briffa qal li hu jantiċipa li din se tkun spiża kbira biex jitħaffru l-ħofor sakemm mhux se jitħawwlu fi blokok tal-konkos li jitpoġġew temporanjament fil-*by-pass.* Intant, jekk se jitħaffru l-ħofor, dawn se jkunu in-naħa tal-għelieqi kemm-il darba joħroġ il-permess minn *Transport Malta* peress li l-karreġġata hija fir-responsabbilta' tagħhom. Paul Spiteri irrefera għal-ftehim li kien sar fil-leġislatura l-oħra fuq it-tħaffir ta' toqob ġodda.

30. Nicholas Briffa qal li issa ingħatajna l-permess mill-MEPA biex isir ix-xogħol li fil-fatt qed isir, f'Misraħ il-Fidwa, filwaqt li s-SE qal li l-qisien tat-tapit taħt il-bandli li għandu JGC Ltd, mhux qed jikkorrespondi mal-qisien tal-permess.

31. Nicholas Briffa semma' l-korrispondenza li kien ħareġ id-Dipartiment Gvern Lokali dwar il-*protocol* tal-bnadar fil-festi Nazzjonali.

32. Is-Sindku ħeġġeġ lis-SE sabiex jattendi miegħu is-seminar tal-11 t'April, dwar it-Turizmu, bit-tema *Facilitating Tourism in the Mediterranean Region*, kif ukoll dak tat-8 t'April, dwar *Roads Preventive Maintenance* minn *RODECO Ltd* Malta u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

33. Is-Sindku qal li l-President tar-Reġjun ta' Nofsinhar, Jesmond Aquilina, ressaq mozzjoni biex il-kunsilli kollha tar-regjujn jibbenefikaw minn xiri ta' cctv camera oħra fejn il-*bring in site,* filwaqt li huma jirrifondu biss €2,000.

34. Is-Sindku qal li mozzjoni oħra fl-istess Reġjun imressqa minn Fredrick Cutjajar, kienet approvata u għalhekk 25 % tad-dħul tar-Reġjun se jitqassmu b'mod ekwu lill-kunsilli tar-reġjun filwaqt li 15% oħra se jitqassmu *pro rata* skont il-kontraventjonijiet li jkun daħħal kull lokal.

35. Nicholas Briffa semma' wkoll il-*Youth Nursery* li issa telgħu minn klassifikazzjoni B għal dik A. Hu qal li bħala KLM se nawgurawlhom u poġġejna l-istess notifika kumplimentata b'ritratt fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss.

36. Kienet approvata proposta tas-Sindku sabiex nagħtu ċans lill-producers DARCI PRODUCTIONS ta' TV drama Riflessi biex jiġbdu xeni mill-uffiċċju tal-KLM.

37. Is-SE irrefera għal korrispondenza u l-laqgħat li qed isiru mill-*Malta Tourism Authority* għall-ħames kunsilli ta' wara l-mina fejn se jitwaqqaf *Central Management Committee.* Hu qal li dawn qed jipproponu kunsillier responsabbli li jattendi għal dawn il-laqgħat, filwaqt li fl-aħħar laqgħa li nżammet fl-Isptar il-Qadim, kien propost *half day* _u_ *full day* tour għal viżitaturi. Il-laqgħa li jmiss se ssir f'Ħal Safi nhar is-7 t'April, 2014.

38. Il-Kunsill temm il-laqgħa fit-8:15pm u se jiltaqa nhar it-22 ta' April, 2014 fis-6:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*22/04/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |